MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## NADIA H. VELLA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 319/2013

Mobisle **Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Busuttil Kylie Emma K.I. 41125(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' ħames mija u tmenin Ewro u ħmistax –il ċenteżmu (€580.15) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz ta' komunikazzjoni, numru 99174555, numru tal-kont *A/C 40172247*, mogħti mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' ħames mija u tmenin Ewro u ħmistax –il ċenteżmu (€580.15), bl-imgħax legali dekorribbli mid-29 ta' Mejju 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------